MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 1421/2002/1

**Dr. Carmel Vella, Josephine Vella, Philip u Michael Vella**

**v.**

**Kazin San Leonardu**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Dicembru 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:
"Billi l-konvenuti qegħdin u ilhom mill-1987 jokkupaw il-fond u l-ġnien numru 18 St. John's Alley, Kirkop u dan

wara ordni ta’ rekwiżizzjoni maħruġ mid-direttur tal-akkomodazzjoni soċjali;

“Billi l-istess ordni ta’ rekwiżizzjoni kien fi proċeduri separati ġia` ġie dikjarat null u bla effett u li l-istess konvenuti qegħdin jokkupaw ’il fuq imsemmi fond mingħajr titolu validu fil-liġi;

“Billi l-konvenuti ġew ikkundannati jiżgumbraw mill-fuq imsemmi fond imma sal-lum għadhom ma rrilaxxjawx id-detenzjoni tal-istess nonostanti l-ordni tal-Qorti;

“Billi għalhekk l-atturi qegħdin jsofru danni konsistenti fit-telf tal-użu tal-istess fond għall-perjodu kollu mill-1987, sena li fiha l-fond ġie okkupat mill-konvenuti sad-data tal-effettiv żgumbrament;

“Billi l-konvenuti għamlu diversi xogħlijiet fl-istess fond li kkawżawlu ħsara u ħtiega ta’ riparazzjoni biex l-atturi jġibuh fl-istat pristin u oriġinali tiegħu;

“Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. “Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli tad-danni kkawżati lill-atturi kif fuq ingħad;

2. “Tillikwida l-istess danni okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi bħala konsistenti fit-telf tal-użu tal-fond fuq imsemmi u l-ispiża neċessarja għar-riparazzjoni u ripristinar tal-istess;

3. “Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati lill-atturi;

“Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi l-eċċipjent jeċċepixxi illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li huma ma

kkaġunaw l-ebda danni fil-fond bin-numru tmintax (18), St. John’ s Alley, Kirkop.

“2. Illi l-eċċipjent jeċċepixxi illi huwa m’hux responsabbli għall-ebda danni *stante* illi huwa għamel diversi xogħlijiet ta’ riparazzjoni li l-fond in disamina kellu bżonn a spejjeż tiegħu *stante* illi meta l-fond ġie okkupat minnu kien fi stat ta’ manutenzjoni ħażina ħafna, żdingat, mitluq u kellu ħafna ħsarat.

“3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-liġi.”

Rat is-Sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Mejju, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
“... ... tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-socjeta` tal-banda konvenuta u tilqa’ t-talbiet attriċi, u tikkundanna lis-socjeta` tal-banda konvenuta tħallas is-somma ta’ erbgħa u ħamsin elf Ewro (€54,000) lill-atturi; l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mis-socjeta` tal-banda konvenuta.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi l-atturi qed jitolbu danni li sofrew in vista tal-ordni ta’ rekwiżizzjoni tal-fond imsemmija. Kif ġia’ ngħad il-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza ta’ din il-Qorti li permezz tagħha l-banda konvenuta ġiet ritenuta responsabbli għad-danni.

“L-atturi qed jitolbu danni għal tlett raġunijiet; minħabba li naqsu diversi oġġetti li skont stima prodotta minnhom (u li saret a bażi tal-informazzjoni li huma għaddew lill-espert illi għamel l-istima) kienu jiswew *circa* għoxrin elf lira Maltin (Lm20,000); it-tieni, minħabba xogħlijiet li saru fil-fond li huma jgħidu li hemm bżonn spiża kbira biex jiġu radrizzati. Il-perit Briffa li ġie prodott ex-parte bħala espert fil-materja ikkonkluda illi l-art u l-ġnien adjaċenti *bħala art fabbrikabbli hija stmata li tiswa s–somma ta’ ħamsa u tmenin elf lira Maltin (Lm85, 000) kieku kellha tinbiegħ biex tiġi* żviluppata *għall-bini.* Barra minn hekk huwa ġie mitlub jikkummenta dwar xi spejjeż jiġu nvoluti biex

tirrestitwixxi l-fond in kwistjoni u l-ġnien fil-kondizzjoni li kienu qabel ġew inkorporati fl-istruttura l-ġdida meta l-fond 14, Kirkop Square, Kirkop ġie konvertit f'każin. Huwa kkonkluda illi *hu diffiċli ħafna li tirrikostruwixxi l-fondi msemmija fil-kondizzjoni u l-qies li kienu jokkupaw qabel ma dawn ġew inkorporati biex jifformaw parti mill-istruttura ġdida tal-fond 14, Kirkop Square, Kirkop; partikolarment bis-sala kbira li qed jiffurmaw parti minnha, msaqqfa bi travi kbar u soqfa tal-konkrit illi jekk ikollok tħottha biex tirrilaxxa l-art li ġiet okkupata mill-fondi in kwistjoni u traġġa l-fond 18, St. John' Alley u l-ġnien adjaċenti fl-istat ta' qabel trid somom kbar ta' flus.* Fl-aħħarnett hemm it-talba għad-danni għat-telf ta' użu tal-proprjeta`.

"Il-Qorti ma tistax taċċetta daqshekk leġġerment l-istima tal-espert tal-antikatijiet fuq informazzjoni mgħoddija lilu mill-atturi. Lanqas jidher li kellu l-benefiċċju ta' xi ritratti illi ittieħdu biex ikun jista' jagħmel stima serja. Il-konvenuti isostnu li huma ma sabu xejn meta ħadu l-post f'idejhom u jista' jkun li dawn l-oġġetti sparixxew meta l-fond għadda f'idejn id-dipartiment tad-djar; madankollu din il-kwistjoni issa għaddiet in ġudikat u għalhekk huma għandhom iwieġbu għad-danni fil-kwota ndikata. M'hemmx dubju wkoll pero` li l-atturi sofrew telf ta' diversi oġġetti li kienu fil-fond meta ġie rekwiżizzjonat.

"Fir-rigward tad-danni minħabba x-xogħlijiet li saru, l-istess perit Briffa sab diffikolta jgħid kemm kien hemm bżonn spejjeż u qal biss li hemm bżonn somma kbira. L-iskuża tal-konvenuti li l-fond klien malandat ma treġix għaliex l-atturi mhux isostnu li saret xi ħsara b'xi vendikażżjoni jew negliġenza iżda għaliex il-konvenuti bidlu s-sura tal-fond għall-esiġenzi tagħhom u ma qagħdux iħabblu rashom li kienu qed ibiddlu l-istruttura ta' post li ma kienx tagħhom! Dan joħroġ ċar anke mill-istess depożizzjonijiet ta' uffiċjali tal-kumitat tal-każin.

"Kwantu għal telf ta' użu ukoll l-attur naqsu li jikkwantifikaw *ut sic* l-ammont iżda ndikaw li l-prezz tal-art jekk tinbiegħ għal żvilupp kien *circa* ħamsa u tmenin elf lira Maltin (Lm85,000). Naturalment din is-somma tindika

l-prezz tal-proprjeta` li għadha tal-atturi u kwindi mhix dik li għandha tiġi likwidata bħala danni.

“F’ċirkostanzi bħal dawn, fejn indubbjament danni ġew kawżati, il-Qorti dejjem tista’ f’ċerti ċirkostanzi takkorda d-danni *arbitrio boni viri* kif osservat din il-Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża **“Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Company Limited”** (1560/95 PS) meta qalet *“ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant anke fis-sistema ta’ liġi tagħna l-poter diskrezzjonali illi jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Indiskutibbilment il-ġudikant ma jistax lanqas f’dawn il-każi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti mhiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom għall-iskop ta’ determinazzjoni ta’ telf. Min-naħa tiegħu l-ġudikant hu tenut jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwisiti fil-proċess.* Il-Qorti f’din is-sentenza, mogħtija fit-13 ta’ Ottubru 2004 iċċitat ukoll sentenzi riportati fil-Vol XXXV pt iii paġna 615 u Vol XXIX-i-1285.

“F’dan il-każ in applikazzjoni ta’ dawn il-prinċipji l-Qorti tħoss li l-oġġetti li naqsu kienu jiswew *circa* sittax-il elf Ewro (€16,000); il-bdil strutturali biex jiġi radrizzat hemm bżonn *circa* erbgħin elf Ewro (€40,000) u għal telf ta’ użu għal għoxrin sena se takkorda sittax-il elf Ewro (€16,000); għalhekk b’kollox tnejn u sebgħin elf Ewro (€72,000) li minnhom il-konvenuti għandhom ihallsu erbgħa u ħamsin elf Ewro (€54,000) (tlett kwarti tas-somma likwidata).”

Rat ir-rikors tal-appell tal-kazin konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, din il-Qorti “joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza fl-ismijiet ‘Dr. Carmel Vella, Josephine Vella, Philip u Michael Vella v. Kazin San Leonardu’ li giet deciza nhar is-sitta [6] ta’ Mejju, 2009 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u dan billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet imressqa mill-Kazin konvenut appellant u tichad it-talbiet tal-atturi appellati jew alternattivament tvarja u timmodifika s-sentenza hawn fuq indikata billi filwaqt li tilqa’ t-talbiet tal-atturi appellati, tirriduci sostanzjalment is-somma llikwidata mill-ewwel

Qorti u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti biex filwaqt li tirrigetta l-appell interpost mill-konvenuti joghgobha tilqa' l-appell incidentali tal-esponenti u b'hekk tirriforma s-sentenza appellata tas-6 ta' Mejju 2009 u dan billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-kazin tal-banda konvenut u laqghet it-talbiet attrici, tirriformaha inkwantu illikwidat l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' 54,000 Euro u tillikwida ammont ulterjuri akbar fis-sens fuq espost bhala kumpens lill-atturi dovut, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-kazin konvenut datata 5 ta' Awissu 2010 ghall-appell incidentali tal-atturi li in forza taghha sostna li l-appell incidentali ghandu jigi michud ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hemm indikati.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2012 id-difensuri trattaw l-appell u l-istess thalla ghas-sentenza ghat-28 ta' Settembru 2012.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-appell tal-kazin konvenut appellant huwa fis-sens li qed isostnu (a) li kien hemm nuqqas ta' prova dwar it-telf effettiv li l-appellati allegatament sofrew; (b) ma kellux jigi applikat kif gie applikat il-kuncett ta' *arbitrio boni viri* kif applikat mill-ewwel Qorti.

Illi f'dan il-kuntest l-istess kazin appellanti jargumenta li l-appellati kellhom l-oneru ta' prova li jippruvaw danni realment sofferti minnhom u mhux danni morali jew ta' natura psikika jew socjali u f'dan il-kaz qed jinghad li l-prova tat-telf effettiv li soffrew l-appellati hija nieqsa kompletament u jinghad li ghalkemm gew reklamati tlett

tipi ta’ danni, konsistenti (a) f’oggetti allegatament li gew nieqsa mill-post, (b) danni minhabba tibdil li sar fl-istruttura tal-imsemmi fond , u (c) wkoll kumpens ghal okkupazzjoni illegali tal-istess fond mill-kazin konvenut, tali likwidazzjoni ta’ danni saret fuq inizjattiva tal-Qorti u mhux ghaliex gew ippruvati mill-appellanti.

Illi din il-Qorti thoss li inkwantu dan l-aggravju jirrigwarda oggetti allegatament nieqsa ma jistax dan l-aggravju jigi akkolt u dan peress li jirrizulta li l-pretensjoni ghad-danni sofferti mill-appellati hija ta’ natura reali u effettiva konsistenti fil-valur tal-oggetti mobbli li l-appellati allegaw li l-kazin appellant naqas li jaghti lura lill-appellati. Fil-fatt, dwar dan l-appellati pproducew anke lista u stima tal-istess oggetti li l-ewwel Qorti ma accettatx fl-intier taghha izda accettat biss parti minnha. Ghalhekk jirrizulta li dan il-punt gie deciz mill-Qorti abbazi tal-provi li gew prodotti mill-appellati u fid-diskrezzjoni taghha abbazi tad-dokumenti u xhieda moghtija.

Illi din il-Qorti thoss li f’dan il-kuntest l-apprezzament li sar kien fil-parametri tal-provi mressqa u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet dik il-Qorti f’dan il-kaz. Li huwa zgur huwa li meta l-kazin appellant jghid li l-ewwel Qorti ghamlet f’dan il-kaz likwidazzjoni fuq inizjattiva taghha minghajr ma saret ebda tip ta’ prova mill-appellati, dan huwa inkorrett ghaliex l-appellati ressqu xiehda u wkoll lista ta’ oggetti li huma allegaw li kienu nieqsa nkluz stima tal-istess (fol, 38; fol. 61 sa 65). F’dan il-kaz din il-Qorti ma thossx li ghanda tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti ghaliex jirrizulta li giet ezercitata sew abbazi tal-provi prodotti quddiemha.

Illi fuq kollox id-decizjoni hija kategorika fis-sens li kien hemm oggetti mobbli li l-kazin appellat ma rritornax lill-appellati u l-kwistjoni kollha kienet l-kwantita` u l-konsistenza tal-istess u l-valur taghhom li l-ewwel Qorti fid-dawl tad-divergenzi bejn il-partijiet waslet ghalih bil-mod kif spjegat fis-sentenza. Izda dan bl-ebda mod ma jfisser li dan l-ezercizzju sar esklussivament fuq inizjattiva tal-Qorti minghajr ebda riferenza lejn il-provi prodotti.

Illi dwar ammont ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni llegali perpetrata mill-kazin appellant ghal perjodu indikat jidher li l-Qorti hadet konjizzjoni kif kellha taghmel tal-istima li pprovdew l-appellati permezz tal-Perit Joseph A. Briffa prodott *ex parte* li ghamel stima kemm tal-valur tal-propreta` u tal-valur lokatizju ta’ meta xehed tal-istess fond (fol. 51), izda peress li l-okkupazzjoni llegali kienet tirreferi ghall-perjodu bejn is-sena 1987 sad-data tad-decizjoni, l-ewwel Qorti ma qaghditx fuq l-istess stima, ghaliex ovvjament il-valur lokatizzju tal-fond ivarja minn zmien ghal zmien. Pero` xorta jibqa’ l-fatt li kontrarjament ghall dak allegat mill-kazin appellant, prova da parti tal-appellati ghall kumpens saret, u huwa ironiku li min-naha tieghu l-kazin appellat ma kkontrasta b’xejn tali prova, lanqas billi ressaq provi *ex parte*, jew almenu billi talab, kif seta` jitlob, il-hatra ta’ periti teknici sabiex jaghmlu stima tal-istess.

Illi llum pero` f’dan l-istadju ta’ appell, il-kazin appellant qed iqajjem dan l-ilment fuq il-premessa li l-appellati ma resqux provi fuq dan il-punt. Din il-vantazzjoni pero` ma ghandhiex mis-sewwa, ghaliex il-provi saru mill-appellati, provi li izda ma gewx akkolti ghall kollox mill-ewwel Qorti ghaliex sostniet, korrettament fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, li tali stima ma setghetx tkun relevanti u korretta ghall-perjodu kollu. Ma hemmx dubju li dwar dan il-punt il-kawza setghet tmexxiet mod iehor mill-partijiet, inkluz mill-kazin appellant li, la darba jirrizulta li kien qed jikkontesta l-ammont reklamat mill-appellati, huwa kellu min-naha tieghu jagixxi sabiex iressaq provi huwa sabiex jinnewtralizza l-istess, kemm ex parte u anke bin-nomina ta’ periti arkitetti sabiex jaghmlu stima tal-istess.

Illi dan il-kazin appellant ma ghamlux fl-ewwel Istanza, u mhux sew li issa jigi quddiem din il-Qorti u jallega li l-ewwel Qorti fuq il-likwidazzjoni ta’ danni mxiet fuq inizjattiva taghha, akkuza u vantazzjoni serja, li assolutament ma ghandha xejn mis-sewwa u ma tirriflettix dak li verament u effettivament gara fl-ewwel istanza, kif fuq kollox l-atti processwali attwalment u

inekwivokabbilment jindikaw. B'hekk hawn ukoll l-aggravju tal-kazin appellant mhux qed jigi akkolt.

Illi dwar l-ispejjez sabiex il-fond jigi rrangat huwa veru li l-Perit *ex parte* prodott mill-appellati ma wasalx ghal figura kemm jiswa dan ix-xoghol, pero` jirrizulta li l-istess perit qal li sabiex dan isir irid ikun hemm somma sostanzjali ghaliex it-tibdil li sar mill-kazin appellant kien wiehed kif spjegat minnu fir-rapport datat 30 ta' Gunju 2004 (fol. 45) li biddel ghal kollox in-natura tal-fond kif kien ghal dak li sar u hemm illum.

Illi huwa sintomatiku li dan l-argument ma giex effettivament kontradett b'mod reali u serju mill-kazin appellant, ghaliex kull ma nghad kien li meta huma okkupaw il-post dan kien malandat. Li huwa sinifikanti, izda, huwa li gie accettat u accertat mill-ewwel Qorti li effettivament bit-tibdil li ghamel il-kazin appellant fl-istess fond mertu tal-kawza odjerna saret bidla kompleta u totali fis-sura tal-fond, u dan bl-iskop li jaqdi l-esigenzi tal-kazin apppellant. Tant dan huwa minnu li fis-sentenza jinghad li dan *"johrog car anke mill-istess disposizzjonijiet ta' ufficjali tal-kumitat tal-kazin".*

Illi, mela ma hemmx dubju li meta dan kollu jigi kkonsidrat jirrizulta li tenut kont tal-entita` ta' tibdil li sar u li huma ta' natura konsiderevoli fic-cirkostanzi s-somma likwidata mill-ewwel Qorti ghall-istess skop hija wahda ragonevoli u x'aktarx, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, wahda konservattiva izda dejjem konsonanti mar-rizultanzi processwali. Huwa sintomatiku li l-unika argument li gabu l-appellanti f'dan ir-rigward kien li ma hemmx bzonn ta' riparazzjoni u li huwa mpossibbli li kollox jerga' jsir kif kien qabel (ara nota ta' osservazzjonijiet tal-kazin konvenut datat 29 ta' Settembru 2009), izda dan bl-ebda mod ma jfisser li ma hemmx spejjez sabiex l-istess fond jigi mqieghed kemm jista' jkun kif kien qabel ma gie okkupat mill-kazin appellat. B'hekk ukoll dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi it-tieni aggravju huwa fis-sens li la darba, skont il-kazin appellant, l-appellati ma ressqux provi dwar id-danni sofferti mela allura l-Qorti ma kellhiex tillikwida d-danni

arbitrio boni viri izda kellha tichad it-talba minhabba nuqqas ta' provi. Fil-fatt jinghad li c-cirkostanzi kienu differenti minn dawk prospettati fil-kawza fl-ismijiet **Margaret Camilleri et v. Cargo Handling Company Limited** (P.A. (PS) – 13 ta' Ottubru 2004) u dan ghaliex f'dan il-kaz l-appellati ma ressqux provi dwar id-danni allegament sofferti minnhom.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti thoss li, kif gja` inghad fuq l-ewwel aggravju, dak hawn propost mill-kazin appellant huwa xejn inqas minn misrapprezentazzjoni ta' dak li effettivament sehh fl-ewwel Istanza, ghaliex ma hemmx dubju li mill-atti processwali jirrizulta li l-appellati ressqu l-provi dwar kull punt ta' danni minnhom reklamati; provi li ghalkemm kontestati, mhux dejjem gew kontrastati mill-kazin appellant, tant li l-istess kazin appellant f'certi kazi anqas biss ressaq provi ex parte jew talab in-nomina ta' periti teknici kif wiehed kien jistenna. Mela allura isewgi li kull ma kien hemm kien biss diffikolta sabiex il-Qorti tasal ghal likwidazzjoni specifika u certa tad-danni realment sofferti mill-atturi appellati peress li kienet konfrontata b'zewg pretensjonijiet ghal kollox opposti u cioe` dik tal-atturi li kienet tidher li hi eccessiva u dik tal-appellanti odjerni li jekk akkolta twassal ghal riduzzjoni illogika tal-ammont tad-danni u cioe` li ma kien hemm ebda danni f'dan il-kaz. B'hekk f'dan il-kuntest imxiet fuq ammonti likwidati minnha arbitro boni viri dejjem fil-kuntest ta' dak li realment kienu d-danni effettivi u reali sofferti mill-atturi bl-agir deskritt tal-kazin appellant. Mela allura anke dan l-aggravju tal-kazin appellant qed jigi michud ghaliex huwa kompletament bla ebda fondament legali u fattwali.

Illi hemm ukoll appell incidentali tal-atturi fejn jinghad li d-danni ghall-okkupazzjoni llegali tal-fond de quo gew pruvati li huma fl-ammont ta' Lm4,250 (9,899.04 Euro) fis-sena mill-1987 sad-data odjerna u ghalhekk kellu jigi likwidat l-ammont ta' 217,796.48 Euro ghal dan il-punt biss; inghad ukoll li gie ppruvat li l-oggetti li naqsu kellhom valur ta' Lm20,225 (47,111.58 Euro) u ghalhekk l-ammont li kellu jigi likwidat kellu jkun ta' 228,681.04 Euro (217,796.48 + 47,111.58 + 40,000).

Tenut kont tal-fatt li ma saret ebda prova li bl-okkupazzjoni tal-fond da parti tal-konvenut l-atturi tilfu xi offerta ta' lokazzjoni din il-Qorti thoss li l-kwistjoni tad-danni kienet taqa' fl-ambitu ta' diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi migbura quddiemha u din il-Qorti thoss, li tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, spjegati kemm fid-decizjoni tal-ewwel Qorti, u kemm f'din is-sentenza, mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, li fuq kollox ibbazat id-decizjoni taghha fl-ambitu u fil-parametri tal-provi li kellha quddiemha u hawn isir riferiment ghad-decizjoni fl-ismijiet ***Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited v. AX Construction Limited*** *(A.C. - 4 ta' Lulju 2008) fejn din il-Qorti rriteniet illi:-*

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi konsidrat kollox, inkluz dak gja` ritenut f'din id-decizoni, din il-Qorti thoss li dan mhux il-kaz fejn din il-Qorti ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata u l-apprezzament ta' provi li sar mill-ewwel Qorti u ghalhekk l-appell incidentali qed jigi michud.

Ghal dawn ir-ragunijijiet, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell tal-kazin appellanti u wkoll tichad l-appell incidentali u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez kwantu ghall-appell tal-kazin appellanti a karigu tal-istess kazin appellant Kazin San Leonardu, u kwantu ghall-appell incidentali ghall-appellati Dr. Carmel Vella et.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------